# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2201

**Kaz Numru 2926 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Robert Cini ID 354556M**

**u**

**Cube Relocations Limited (C-43601)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2013**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-25 ta' Mejju 2011.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Robert Cini, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

2.2 Il-kumpanija Cube Relocations Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Chris Vassallo, meghjun mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.

## 3. Fatti tal-kaz fil-qosor

Nhar l-01.07.09 ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata Cube Relocations Limited fil-kariga ta' *Packer/Driver* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Nhar l-01.02.11 grupp ta' impjegati, fosthom ir-rikorrent, marru jahdmu fir-residenza tal-*Project Manage*r li kien inkarigat mill-progett ghall-bini gdid tal-Ambaxxata Amerikana f'Malta. Dan ix-xoghol tal-*Project Manager* kien meqjus mill-kumpanija intimata bhala xoghol prestigjuz. Waqt ix-xoghol fir-residenza msemmija, ir-rikorrent

ghamel kumment allegat sarkastiku versus persuni Amerikani, u l-Principal waqqfu milli jkompli. Il-Principal allega li r-rikorrent wiegbu li hu kellu dritt jghid li jrid. Il-Principal qies it-twegiba tar-rikorrent bhala sfidanti u qal lir-rikorrent biex jitlaq minn fuq il-lant tax-xoghol. Il-Principal stqarr li bil-frazi "Iva, itlaq issa," ried ifisser li kien qieghed itemm l-impjieg tar-rikorrent.

L-ghada fil-ghodu r-rikorrent liebes l-uniformi mar l-ufficcju ewlieni tal-kumpanija intimata ghaliex ma kienx cert jekk tkecciex jew le mill-impjieg. Meta wasal il-Principal, inqala' battibekk bejniethom u wara li l-Principal ikkonfermalu li kien imkecci, ir-rikorrent talab il-hlasijiet dovuti lilu b'rizultat tat-temma tal-impjieg. Il-Principal wiegeb li ma kellux cans jikkomunika mad-Dipartiment ghar-Relazzjonijiiet Industrijali u Impjiegi u gharrfu li kien ser jaghmel hekk aktar tard u jhallsu skont il-ligi. Minhabba l-allegata rejazzjoni negattiva tar-rikorrent waqt il-battibekk bejniethom, il-Principal ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tad-Distrett. Nhar it-02.02.11 il-Principal kiteb lir-rikorrent ittra li fiha kkonfermalu t-temma tal-impjieg, li ghaliha rcieva twegiba b'messagg elettroniku. F'din it-twegiba r-rikorrent ikkontesta l-asserzjonijiet li ghamel il-Principal.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Chris Vassallo xehed ghall-kumpanija intimata.

4.2 Matthew Cini xehed ghar-rikorrent u r-rikorrent xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet id-dikjarazzjoni tal-kaz flimkien ma' dokumenti rilevanti li b'kollox jikkonsistu fi tnax -il pagna.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'pagna wahda.

5.2 Kopja ta' sensiela ta' messaggi elettronici mifruxa fuq sitt pagni mmarkati, Dok.RC1.

5.3 Kopja ta' dikjarazzjoni tal-paga tieghu ghax-xahar ta' Jannar 2011 fuq zewg pagni mmarkata, Dok.RC2.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Chris Vassallo** stqarr li hu s-sid u l-uniku direttur tal-kumpanija intimata li twaqqfet fi Frar 2008, u timpjega b'kollox sitt persuni, li jaghtu servizz ta' garr ta' ghamara u oggetti ohra kemm lejn u minn Malta, kif ukoll fis-suq lokali. Ix-xhud ghamel emfasi fuq il-htiega ta' bzulija, galbu u mgiba korretta tal-impjegati fil-qadi ta' dmirijiethom lejn il-klijenti. Zied jghid li mar-rikorrent kellu relazzjoni tajba hafna kemm fuq il-lant tax-xoghol kif ukoll fuq livell personali. Ix-xhud kompla jghid li kemm minhabba l-eta tar-rikorrent kif ukoll ir-relazzjoni tajba personali li kien hemm bejniethom hu kien jafdah bix-xoghol, u konsegwentement kien jippretendi l-ahjar minghandu. Ix-xhud kompla jispjega li bhala regola jsir *briefing* qabel jinbeda x-xoghol biex kulhadd ikun jaf x'hemm bzonn u wkoll wara li jitlesta x-xoghol biex kulhadd jitghallem minn dak li jkun sar tajjeb jew le. Minbarra dan isir ukoll tahrig ta' natura partikulari immirat biex l-impjegati dejjem jinzammu aggornati mal-izviluppi fis-servizz. Ix-xhud kompla jghid li x-xoghol tal-garr tal-merkanzija tal-*Project Manager* li kien fdat bil-progett ghall-bini gdid tal-Ambaxxata Amerikana ghal Malta fi Frar 2011, kien qabel kollox wiehed ta' prestigju. Dan ghaliex ma kienx xoghol ta' darba bhal meta familja tkun ser temigra, u allura seta' wkoll iwassal ghal xoghol iehor fil-futur. L-impjegati ghandhom uniformi biex jilbsuha fuq il-lant tax-xoghol, u l-imgiba taghhom meta jkunu fuq il-lant tax-xoghol tirrifletti fuq is-servizz tal-kumpanija intimata. Fil-jum tal-incident ix-xoghol beda minn kmieni u meta wasal il-hin biex igorru l-ghamara li kien hemm fil-*washroom*, fuq is-sit kien hemm ix-xhud, ir-rikorrent, zewg impjegati ohra u l-klijent. Ix-xhud u r-rikorrent bdew biex icaqalqu l-*washing machine* u t-*tumble dryer* li t-tnejn kienu ta' daqs akbar min-normal, meta r-rikorrent irrimarka li "l-Amerikani kollox kbir jaraw". Ix-xhud stqarr li dan kollu gara fil-prezenza ta' zewg impjegati u l-klijent. Ghalkemm ma setax jghid jekk il-klijent fehemx id-diskors li ntqal, zgur li ma riedx jiehu riskju, u kien ghalhekk li f'dan il-hin qal lir-rikorrent li ma kienx qieghed jiehu pjacir bil-kumment, u r-rikorrent wiegbu li hu jghid li jrid, izda ma jiftakarx li r-rikorrent qallu li dak li qal kien cajta. Zied jghid li kieku qallu hekk kien ifakkru li hu dejjem kien jghid li fuq il-lant tax-xoghol m'hemmx cajt. Ix-xhud qal lir-rikorrent li fuq il-lant tax-xoghol ma setax jghid li jrid, izda r-rikorrent ma waqafx, u konsegwentement ix-xhud hassu sfidat, u qallu li jekk ikompli kien ser jispicca hazin. B'dan kollu r-rikorrent kompla jisfida u x-xhud minhabba li kien tilef il-fiducja fih qallu li seta' jitlaq, li f'dak il-mument ried ifisser li kien qieghed ikecci lill-impjegat. Ir-rikorrent telaq bil-*van* tax-xoghol minghajr ma ha l-permess tax-xhud.

6.2 **Robert Cini**, ir-rikorrent, stqarr li minn meta beda sakemm tkecca mill-impjieg kien ilu sena u nofs jahdem mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Packer/Driver*, u li matul l-impjieg tieghu qatt ma kien imwiddeb

dwar l-imgiba tieghu, izda fil-bidu tal-impjieg kien ikkorregut darba dwar xoghlu. Il-jum tal-incident in kwistjoni kien bix-xita li minhabba fiha kien hemm kongestjoni tat-traffiku u konsegwentement waslu tard fuq il-lant tax-xoghol. Bdew ix-xoghol u lestew il-garr tal-ghamara kollha minn zewg sulari u kien fadal biss l-affarijiet tal-*washroom* fuq il-bejt. Ix-xhud kompla li flimkien ma' Chris Vassallo hargu l-magna tal-hasil li kienet ta' ghamla akbar sew minn dik tas-soltu, minn gewwa l-*washroom* barra fuq il-bejt. Waqt li kienu qeghdin jaghmlu hekk u hargu l-magna fuq il-bejt, f'hin li l-klijent kien ghadu fil-*washroom,* ghamel kumment b'rilevanza ghall-qies tal-magna tal-hasil b'lehen normali indirizzat lil Chris Vassallo, u li l-klijent ma setax sema' meta qal li "l-Amerikani jaraw kbir aktar mill-baqar". Christopher Vassallo wiegbu biex jaqta' l-kummenti ghaliex kien ser jispicca hazin. Ix-xhud kompla li b'riferenza ghall-kumment li ghamel wiegeb li hu jitkellem kif irid. Meta staqsa lil Chris Vassallo jekk bil-frazi "ser nispicca hazin" riedx ifisser li riedu jitlaq, Chris Vassallo wiegbu "Iva, itlaq issa". Dak il-hin ma ghamilx aktar kummenti biex ma jkabbarx l-avveniment, u telaq bil-*van* tal-kumpanija intimata. L-ghadha fil-ghodu mar l-Ufficcju liebes l-uniformi ghaliex ma kienx cert jekk kienx imkecci jew le. Meta wasal l-Ufficcju u dahal Chris Vassallo, dan sploda mieghu u kien hemm battibekki bejniethom. Meta ra hekk talab il-paga, izda kienet ghadha ma nhadmitx u telaq minghajr hlas. L-ghada kien ordnat jattendi l-ghassa taz-Zejtun fejn wara li kkonferma li kien hemm konfront bejnu u Chris Vassallo kien ordnat biex ma jersaqx lejn l-Ufficcju tal-kumpanija intimata. Ftit tal-granet wara waslitlu l-ittra tal-konferma tat-temma tal-impjieg.

6.3 **Matthew Cini**, iben ir-rikorrent, u ex-impjegat mal-kumpanija intimata, stqarr li nhar l-incident in kwistjoni kien fuq l-istess lant tax-xoghol ma' missieru u haddiema ohra flimkien ma' Chris Vassallo. Zied jghid li fil-hin li nqala' l-incident kien flimkien ma' impjegat iehor fuq il-bejt jittrasloka t-*tumble dryer* mill-*washroom*. Ix-xhud kompla jghid li nduna li kien gara xi haga bejn missieru u Chris Vassallo, u ghalkemm ma semax kull ma kien qieghed jintqal bejniethom, sema' lil-missieru jistaqsi lil Chris Vassallo jekk ridux jitlaq, u Chris Vassallo wiegbu "Iva, itlaq issa". Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi spjega li l-messagg li bi zball baghat lil Chris Vassallo minflok lil-missieru fejn kiteb "darba' ohra taghmilx hekk ghaliex gibt il-gebla fuq saqajk" ried ifisser li missieru ghamel hazin li telaq minn fuq il-lant tax-xoghol.

## *7.* Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Ian Spiteri Bailey f'isem il-kumpaniji intimati:

7.1.1 Argumenta li:

- Sema’ jew ma semax il-kumment li ghamel ir-rikorrent, il-pern tal-kwistjoni hu l-agir sfidanti tar-rikorrent versus il-korrezzjoni li ghamel il-Principal.

- L-isfida li tirrizulta mill-imgiba ripetuta tar-rikorrent ghall-korrezzjoni tal-Principal saret f’cirkustanzi li fihom ir-rikorrent kien persuna stmata differenti minn impjegati ohra fuq il-bazi tal-hbiberija li kienet tezisti bejn iz-zewg persuni, il-fiducja li wera’ l-Principal bil-kunsinna tac-cwievet lir-rikorrent, u l-paga oghla li kien jithallas l-istess rikorrent.

- Galadarba r-rikorrent fehem li f’dak il-jum il-Principal kellu xi haga li kienet qieghda tinkwetah, l-isfida li ghamel ir-rikorrent aktar u aktar ma kinitx flokha.

- Galadarba l-pretenzjoni ta’ smigh xieraq ma tirrizultax minn ftehim kollettiv, id-dritt ghaliha mhux sagrosant.

7.1.2 Ghamel riferenza ghall-:

- Principju li fil-kunsiderazzjoni tieghu tal-provi, it-Tribunal Industrijali ghandu jezamina jekk fic-cirkustanizi partikulari tal-kaz, il-Principal agixxiex b’mod ragjonevoli meta ttratta l-incident bhala raguni sufficjenti biex jintemm l-impjieg. (Deacon & Morris, Labour and Law-4th edition).

- Ittra datata 02.02.11, li fiha l-Principal spjega li r-raguni ghat-temma tal-impjieg ma kinitx biss il-kumment li ghamel ir-rikorrent meta qal” Dawn l-Amerikani jaraw kbir bhal baqar”, izda wkoll l-agir sfidanti tar-rikorrent li minflok accetta korrezzjoni biex jieqaf wiegeb li hu jghid li jrid.

7.1.3 Talab biex fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrent tkecca ghal raguni gusta u sufficjenti skont il-ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg Cardona f’isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumenta li:

- Ir-relazzjoni specjali li kien hemm bejn ir-rikorrent u l-Principal, kemm dik fuq bazi socjali kif ukoll rigwardanti l-fiducja u l-kundizzjonijiet tax-xoghol preferenzjali kienet titlob kunsiderazzjoni aktar meqjusa minn dik li nghatat biex jintemm l-impjieg.

- Ma jirrizultax mill-provi li xi haddiem iehor jew il-klijent semghu jew fehmu dak li ntqal waqt il-battibekk li kien hemm bejn ir-rikorrent u l-Principal.

- Ammess li l-kumment li ghamel ir-rikorrent ma kienx floku, izda jekk fil-jum tal-incident il-Principal kien inkwetat b'xi haga, dik ma kinitx raguni li tiggustifika l-ghagla li mexa biha biex temm l-impjieg tar-rikorrent fis-sahna tal-mument.

7.2.2 Ghamel riferenza ghal diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali minn fejn hu stabbilit li anki fin-nuqqas ta' ftehim kollettiv, kull persuna akkuzata ghandha d-dritt ghal smigh xieraq.

7.2.3 Fid-dawl ta' dan kollu talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-l-kumpanija intimata temmet l-impjieg tar-rikorrent minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens skont il-ligi.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Id-dritt ta' impjegat ghal smigh xieraq meta jkun akkuzat b'xi offiza minn Principal ma jiddependix minn jekk jezistix ftehim kollettiv validu bejn il-partijiet li jkun ihaddan procedura formali ta' dixxiplina, izda jirrizulta mill-principji tal-gustizzja naturali. Naturalment il-grad ta' formalita tal-procedura wzata jista' jkun differenti bejn entita u ohra, izda f'kull kaz iridu jinstemghu l-provi tal-partijiet.

8.2 Fil-kaz odjern il-provi dwar il-fatti li l-incident in kwistjoni sehh nhar l-01.02.11, li l-akkuza kienet tikkonsisti fit-tlissin ta' kumment meqjus mill-Principal li ma kienx floku, ir-rejazzjoni tar-rikorrent ghall-korrezzjoni tal-Principal meta qal lir-rikorrent li hu seta' jghid li jrid, u li l-Principal qies ir-rejazzjoni tar-rikorrent bhala sfidanti mhumiex kontestati. Konsegwentement, ghalkemm bl-aktar mod informali, il-htiega li jkunu stabbilti l-provi tal-partijiet kienet segwita.

8.3 Il-kontestazzjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan il-kaz tirrigwarda jekk, fil-kunsiderazzjoni tal-provi, il-Principal ghamilx gudizzju meqjus u tajjeb meta kkonkluda li l-provi jikkostitwixxu raguni tajba u bizzejjed biex jintemm l-impjieg.

8.4 It-Tribunal Industrijali jikkonsidra:

8.4.1 Il-kumment tar-rikorrent meta qal "l-Amerikani jaraw kbir aktar mill-baqar" "jew bhal baqar" bhala kumment mhux floku, u

kkonkluda wkoll li r-rejazzjoni tal-istess rikorrent ghall-attentat ta' korrezzjoni tal-Principal bhala nieqsa mill-hsieb.

8.4.2 L-attentat ta' korrezzjoni minnaha tal-Principal bhala azzjoni korretta, izda d-decizjoni tat-temma tal-impjieg bhala wahda mghaggla u l-piena tat-temma tal-impjieg bhala wahda sproporzjonata meta mqabbla mal-gravitac o meno tal-offiza.

8.4.3 l-imgiba tar-rikorrent ikkontribwixxiet notevolment ghat-temma tal-impieg tieghu, u tiggustifika xi forma ta' azzjoni dixxiplinarja, izda ma tammontax ghal raguni gusta u sufficjenti ghal temma ta' impjieg.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijal, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 It-temma tal-impjieg tar-rikorrent ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi.

9.2 Il-kumpanija intimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' Elf Wiehed u Ghoxrin Ewro u Sittax -il Centezmu (€1,021.16) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir sa nhar it-28 ta' Frar 2013.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet, it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**